(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Ingliża;

(iii) (a) ikollhom *post-graduate degree* (*Masters'*), rikonoxxuta f'livell 7 tal-MQF, fix-xjenza, fl-immaniġġjar tas-sajd jew f'suġġett relatat, jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali; jew

b) ikollhom *first degree,* rikonoxxuta f'livell 6 tal-MQF, fix-xjenza, fl-immaniġġjar tas-sajd jew f'suġġett relatat, jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta, u ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali; jew

ċ) Uffiċjali Pubbliċi fi Skala mhux inqas minn Skala 7, jew impjegati tas-Settur Pubbliku f'livell ta' responsabbiltà komparabbli, li jkollhom tmien (8) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) must be proficient in the English language;

(iii) (a) in possession of a recognised post-graduate degree (Masters') at MQF Level 7 in science, fisheries management or in a related subject, or an appropriate, recognised, comparable qualification, plus three (3) years relevant experience of which one (1) year must be in a management position; or

(b) in possession of a recognized first degree at MQF Level 6 in science, fisheries management or in a related subject, or an appropriate, recognised, comparable qualification, plus five (5) years relevant work experience of which one (1) year must be in a management position; or

(c) Public Officers in a Scale not below Scale 7, or employees in a comparable level of responsibility in the wider Public Sector, with eight (8) years relevant work experience of which one (1) year must be in a management position.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued

Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata u għarfien dettaljat tar-regolamenti u l-programmi relatati mas-Sajd, fosthom: il-*Fisheries Data Collection Programme*, il-*Control Programme* u regolamenti oħrajn li jaqgħu taħt il-Politika Komuni tas-Sajd.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid- mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Marzu, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

**Dispożizzjonijiet ġenerali oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;

by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience and a thorough knowledge of Fisheries related regulations and programmes, namely: the Fisheries Data Collection Programme, the Control Programme and other regulations falling under the Common Fisheries Policy.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

**Submission of supporting documentation**

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection procedure**

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

**Submission of applications**

8. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by Director Corporate Services (Attn: HR Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, St. Venera SVR 1301 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 20th March, 2015. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

**Other general provisions**

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;

il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;

żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799), jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-indirizz tal-*email* tad-Direttorat riċeventi huwa (recruitment.msdec@gov.mt).

Is-27 ta' Frar, 2015

MINISTERU TAL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

**Post ta' Kuntistabbli fid-Dipartiment tal-Pulizija**

*(Approvazzjoni skont il-capacity building datata s-27 ta' Jannar, 2015)*

*Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Is-salarju ta' Kuntistabbli tal-Pulizija huwa ta' €13,659.02 fis-sena, li jiżdied b'€316.83 fis-sena sa massimu ta' €14,292.68 (Skala 14 għall-perjodu ta' sentejn).

2.2 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 13 (€14,911.50 x €335.50 - €16,253.50) wara tmien (8) snin fis-servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

reasonable accommodation for registered persons with disability;

the submission of recognition statements in respect of qualifications;

the publication of the result;

the process for the submission of petitions concerning the result;

medical examination;

access to application forms and related details;

retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799), or may be obtained from the Corporate Services Directorate (Attn: HR Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, St Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the e-mail address of the receiving Directorate is (recruitment.msdec@gov.mt).

27th February, 2015

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS AND NATIONAL SECURITY

**Post of Police Constables in the Malta Police Force**

*(Capacity building approval dated 27th January, 2015)*

*In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender*

The Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs and National Security, invites applications for the post of Police Constables in the Malta Police Force.

**Terms and Conditions**

2.1 The salary for the post of Police Constable is €13,659.02 per annum, rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €14,292.68 (Salary Scale 14 for two years).

2.2 A Police Constable will progress to Scale 13 (€14,911.50 x €335.50 - €16,253.50) on completion of eight (8) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 12 (€16,955.00 x €354.00 - €17,663.00) wara għaxar (10) snin fis-servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors fl-Akkademja tal-Pulizija, jitħallsu l-paga minima nazzjonali kurrenti u nofs il-*bonus*, skont l-Artikolu 29 tar-Regolamenti dwar Kundizzjonijiet tal-Impjieg sakemm joħroġ ir-riżultat tal-eżamijiet finali mill-Akkademja tal-Pulizija.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija jinkludu:

a) li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix isiru reati, li jġib 'il quddiem u jwettaq it-tħaris tal-liġijiet, bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet ta' kull persuna f'Malta, wkoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' xi ksur;

b) li jirrispondi minnufih għal kull talba għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi;

ċ) li japplika l-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni minħabba f'xi raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, il-fehma politika jew xi fehma oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid jew kull *status* ieħor;

d) li jġib 'il quddiem il-koeżistenza ordinata u paċifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li jieħu ħsieb kif dovut mhux biss tad-drittijiet dwar il-proprjetà privata imma wkoll dwar il-proprjetà pubblika;

e) li jfittex li jħares l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

f) li jgħin f'limiti raġonevoli lil kull persuna li tkun qed tfittex l-għajnuna ta' Pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor, ukoll jekk ir-responsabbiltà biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna ma tkunx tappartjeni lill-Korp;

ġ) li jwettaq onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilu assenjati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew b'xi liġi oħra;

h) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizzi Pubbliku skont istruzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana.

2.3 A Police Constable will progress to Scale 12 (€16,955.00 x €354.00 - €17,663.00) on completion of ten (10) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 During the time that the candidates are attending the course at the Police Academy, they will receive the then current basic minimum wage and half the bonus, in accordance with Article 29 of the Conditions of Employment (Regulation) Act until the final examination result at the Academy is published.

**Duties**

3. The duties of a Police Constable include:

a) to preserve public order and peace, to prevent the commission of offences, to promote and enforce the observance of the laws, as a first guarantee of the rights of all persons in Malta, even before action is needed through the judicial system to repress, sanction or remedy any breach;

b) to respond immediately to any request for the protection and intervention of the law;

c) to apply the law without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status;

d) to promote the orderly and peaceful coexistence of all persons in Malta, paying due attention not only to private property rights but also to public property;

e) to seek to protect the environment as part of the common good;

f) to assist, within reasonable limits, any person seeking the help of a police or other public officer, even though the ultimate responsibility to provide such help may not lie with the Force;

g) to perform honestly and effectively all those duties assigned by the Commissioner of Police and by any law; and

h) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description of the post may be obtained from Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana.

**Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

(iii) ikollhom tal-anqas grad ta' Ċ jew 5, f'mhux anqas minn 4 suġġetti f'livell Ordinarju, tnejn minnhom iridu jkunu fil-Malti u fil-lingwa Ingliża kif ukoll f'żewġ suġġetti oħra. Iżda applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom MCAST MQF L3 *Diploma*, jew MCAST-BTEC *First Diploma* u/jew MCAST-BTEC *Diploma* jiġu kkunsidrati wkoll;

(iv) għalqu t-tmintax (18)-il sena iżda mhux it-tletin (30) sena sal-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2015;

(v) twal fil-każ tal-irġiel mhux anqas minn 1.70m, u fil-każ tan-nisa mhux anqas minn 1.60m meta jitkejlu ħafjin;

(vi) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji);

(vii) medikament b'saħħithom f'kull rispett, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, skont l-i*standard* mediku ta' saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Pulizija;

(viii) applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi u/jew *body piercing* eċċessiv ma jiġux ikkunsidrati. Applikanti li jkollhom tatwaġġi oħrajn jiġu kkunsidrati skont il-każ;

4.2 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol jew l-awtorità kompetenti skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad ma għandhomx din

**Eligibility requirements**

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) possess grades C or 5, in not less than 4 subjects at Ordinary Level, two of which must be Maltese and English Language and two other subjects. However applicants in possession of an MCAST MQF L3 Diploma, or an MCAST-BTEC First Diploma and/or an MCAST-BTEC Diploma will also be considered;

(iv) have attained their eighteenth (18th) birthday but not their thirtieth (30th) birthday on Friday, 20th March, 2015;

(v) be of a minimum height of 1.70m in the case of males, and 1.60m in the case of females when standing on their bare feet;

(vi) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details);

(vii) be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness in the Force to be able to perform all Police duties;

(viii) applications by candidates having heavy visible tattoos/body piercing will not be considered. Applicants having other tattoos will be considered on a case-by-case basis.

4.2 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications, originals to be produced for verification at the interview).

It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Council within the Ministry for Education and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in

id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-għażla**

**6. L-EWWEL PARTI - EFFIĊJENZA FIŻIKA/ INTERVISTA/TEST MEDIKU**

6.1 Eżami mediku preliminari;

6.2 L-applikanti li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għat-test ta' Effiċjenza Fiżika, taħt Bord ta' Għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-i*standards* tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

| ***1 Mile Run*** | Età<br>18 - 30 | Irġiel<br>10 min | Nisa<br>12 min |
|---|---|---|---|
| ***Push-Ups***<br>(Repetizzjonijiet) | 18 - 30 | 15 | 10 |
| ***Sit-Ups***<br>(Repetizzjonijiet) | 18 - 30 | 25 | 20 |

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-i*standard* minimu f'kull parti tat-test fl-Effiċjenza Fiżika biex jitqiesu li għaddew mit-test fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-test fl-Effiċjenza Fiżika jkunu jistgħu jerġgħu joqgħodu għal *re-sit* ta' dak it-*test* partikulari, fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel test komplut.

possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement issued by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

**Submission of supporting documentation**

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection procedure**

**6. PART ONE - PHYSICAL EFFICIENCY/ INTERVIEW/MEDICAL TEST**

6.1 Preliminary medical test;

6.2 Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to be held under a Selection Board appointed by the Commissioner of Police to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

| **1 Mile Run** | Age<br>18 - 30 | Males<br>10 mins | Females<br>12 mins |
|---|---|---|---|
| **Push-Ups**<br>(Repetitions) | 18 - 30 | 15 | 10 |
| **Sit-Ups**<br>(Repetitions) | 18 - 30 | 25 | 20 |

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component will be allowed to re-sit that one particular component within a week from the first complete component.

Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-Effiċjenza Fiżika li jitħallew joqogħdu għall-intervista.

7. **IT-TIENI PARTI - INTERVISTA SELETTIVA**

7.1 Intiża biex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun, u oħrajn meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija.

8. **IT-TIELET PARTI - EŻAMI MEDIKU**

8.1 Il-kandidati kollha li jkunu għaddew b'suċċess l-ewwel u t-tieni parti, jkunu suġġetti li jagħmlu eżami mediku.

9 Il-kandidati li ma jgħaddux mill-intervista u/jew minn xi wieħed mill-eżamijiet mediċi ma jitħallewx isegwu l-kors ta' taħriġ.

10. Il-pożizzjonijiet vakanti jimtlew skont l-ordni ta' mertu finali fl-eżamijiet wara li jitlesta l-kors fl-Akkademja. L-ordni ta' mertu jibqa' jgħodd sa sentejn min-notifika tar-riżultati, u dan sabiex eventwalment ikunu jistgħu jimtlew pożizzjonijiet vakanti oħra.

11. Il-kandidati li jintgħażlu u li diġà huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprendistat ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ li jkollhom mill-ftehim tal-iskema ta' apprendistat ieħor.

12. Il-kandidati magħżula għall-kors li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu intitolati għal uniformi b'xejn, u jistgħu ikunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq *shift* taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija jkun fuq bażi residenzjali.

13. Il-kandidati jkunu soġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija, skont l-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164.

14. Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali komprensiv, li matulu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun fil-kors ta' taħriġ skont ir-regolamenti ġodda tal-kors. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Pulizija u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra, skont il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu, il-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Kandidati li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ, jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom itterminat f'kull żmien. Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ ma jkunux intitolati għall-ebda *vacation leave* matul il-perjodu ta' taħriġ tagħhom fl-Akkademja.

Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the selective interview.

7. **PART TWO - SELECTIVE INTERVIEW**

7.1 A selective interview designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc, required of a Police Constable.

8. **PART THREE - MEDICAL TEST**

8.1 A full medical test will be carried out to all successful candidates.

9. Candidates who fail in the interview and/or in any part of the medical tests will not be allowed to join the course of training.

10. Vacant posts will be filled according to the final order of merit in the examinations following the course at the Police Academy. The order of merit will continue to subsist for a period of 2 years from the notification of results in order to fill eventual vacancies.

11. Successful candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from the Employment and Training Corporation a certificate of their release from the engagement.

12. Candidates admitted to the course who shall be known as Trainee Police Constables will be entitled to free issue of uniforms. They might be requested to do practical work on a shift basis under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Part of the training at the Police Academy may be on a residential basis.

13. Candidates will be subject to discipline, even during the traineeship period at the Police Academy, as provided for in the Police Act, Chapter 164.

14. The traineeship period at the Academy will consist of an initial comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in the course of training, according to new course regulations. The aforementioned comprehensive course will be held at the Police Academy, and/or elsewhere as necessary. During the training period, Trainee Police Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Trainee Police Constables will not be entitled to any vacation leave during their period of traineeship at the Academy.

15. Kandidati li jilħqu livell sodisfaċenti fl-aspetti kollha tal-kors inizjali jkunu eliġibbli biex jinħatru Kuntistabbli bi prova għal sentejn. Il-ħatriet isiru skont il-pożizzjonijiet vakanti eżistenti kif ipprovdut f'paragrafu 10. L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li jiksbu livell ta' distinzjoni jistgħu jingħataw l-opportunità li jieħdu taħriġ avvanzat. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Kuntistabbli u l-perjodu ta' taħriġ tagħhom jiġi terminat. Madankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

16. Matul il-perjodu ta' sentejn bi prova bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, ir-rekluti ġodda jkunu meħtieġa jkomplu bil-kors ta' taħriġ prattiku fil-Korp tal-Pulizija li matulu:

(i) jiġu assenjati f'dawk is-Sezzjonijiet tal-Korp skont kif jidhirlu li jkun l-aħjar il-Kummissarju tal-Pulizija, u

(ii) ikunu evalwati kull erba' xhur. Il-progress ta' kull kandidat jiġi evalwat fit-tmiem ta' kull test.

17. Pulizija Kuntistabbli bi prova li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ fl-evalwazzjoni ta' kull erba' xhur jista' jkollhom il-ħatra tagħhom itterminata fit-tmiem tal-perjodu ta' prova.

18. Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunkwe ħin il-kors ta' Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ jekk dan/din juri/turi progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġieba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

19. Pulizija Kuntistabbli bi prova jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-eżiġenzi tas-servizz.

**20. Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

20.1 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru kwalifiki u esperjenza flimkien ma żewġ ritratti riċenti daqs tal-passaport għandhom jintbagħtu lit-Taqsima Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana, indirizzati lill-Kummissarju tal-Pulizija, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2015.

20.2 Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2015, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 2124 3067, u indirizz elettroniku fuq (joseph.a.farrugia@gov.mt).

15. Trainees who reach a satisfactory level in all aspects of the initial course will be eligible for appointment as Police Constables on probation for two years. Appointments shall be made subject to existing vacancies as provided for in paragraph 10. The last order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who reach distinction level may be given the opportunity to undertake further advanced training. Those who fail to reach the required standard will not be appointed Constables and will have their traineeship terminated. However, one other chance of a re-sit for the final examination/s might be given.

16. During the ensuring period of two years probation as Police Constables, the newly recruited constables will be required to continue with a practical training-probation course within the Police Force, in which:

(i) they will be assigned to those Sections of the Force that the Commissioner of Police thinks fit, and

(ii) they will be assessed on four-monthly assessments, in which the progress of every candidate will be evaluated.

17. Probationary Police Constables who repeatedly fail to reach the required standard in these four-monthly assessments may have their appointment terminated at the expiration of the period of probation.

18. The Commissioner of Police can terminate at any time the traineeship of a trainee Police Constable upon unsatisfactory progress, misbehavior, bad attitude or lack of motivation.

19. Probationary Police Constables may also be required to train and serve abroad according to the exigencies of the service.

**20. Submission of applications**

20.1 Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, including also two passport-size photographs, shall be presented to the Commissioner of Police, at the Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana, by not later than noon of Friday, 20th March, 2015.

20.2 Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 20th March, 2015, may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is 2124 3067 and email address is (joseph.a.farrugia@gov.mt).

20.3 (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta mill-Kummissarju tal-Pulizija fi żmien sebat (7) ijiem.

**21. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra**

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;

jinstabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/forms-and-templates?l=1), jew jinkisbu milt-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 5.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Dipartiment tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija huwa 2124 3067, filwaqt li l-*email* huwa (joseph.a.farrugia@gov.mt).

Is-27 ta' Frar, 2015

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**Sejħa għall-Edukaturi Kwalfikati għall-Adulti, mal-Aġenzija Żgħażagħ għall-*Youth Specialisation Training Scheme Programme***

Aġenzija Żgħażagħ, fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal kuntratt għal servizz ta' *Animal Care*, *Literacy Course* fil-Malti, *Practical Mathematics*, *IT Skills*, *First Aid* u *Auto Electric* biex ikun jista' jiġi mplimentat il-programm tal-Youth.Inc

Informazzjoni dettaljata tinsab fis-siti elettroniċi tal-Aġenzija Żgħażagħ (www.agenzijazghazagh. gov.mt) jew (www.youthinfo.gov.mt).

20.3 (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Commissioner of Police and a receipt given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Commissioner of Police within seven (7) days.

**21. Other general provisions**

Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/forms-and-templates?l=1), or may be obtained from Human Recourses Branch, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 5.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Department is 2124 3067 and the e-mail address is (joseph.a.farrugia@gov.mt).

27th February, 2015

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**Call for Qualified Adult Educators at Aġenzija Żgħażagħ for Youth Specialisation Training Scheme Programme**

Aġenzija Żgħażagħ within the Ministry of Education and Employment, is inviting applications for Qualified Adult Educators in Animal Care, Literacy Skills in Maltese, Practical Mathematics, IT Skills, First Aid and Auto Electric for the Provision of Service at Youth.Inc Programme.

Full details and specifications can be downloaded from Aġenzija Żgħażagħ websites (www.agenzijazghazagh.gov.mt) or (www.youthinfo.gov.mt).

L-applikazzjonijiet, flimkien ma' taqsira ta' kwalifiki u esperjenzi jiġu milqugħa fil-format tal-*European Curriculum Vitae* minn Youth.Inc, ex Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013 f'envelop magħluq għall-attenzjoni tas-Sa Deborah Sant sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 10 ta' Marzu, 2015 f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jinkisbu mingħand is-Sa lil Deborah Sant fuq 2258 6700/2258 6736 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9.00 a.m. u s-2.00 p.m. jew b'*email* fuq (youth.inc.mede@gov.mt).

Is-27 ta' Frar, 2015

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U S-SAĦĦA (SAĦĦA)

**Ingaġġ mill-Ġdid ta' Uffiċjali Pubbliċi Irtirati/ li se Jirtiraw u Ingaġġ ta' *External Recruits* Irtirati/ li se Jirtiraw fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa)**

Id-Direttur (*People Management*) (Saħħa), għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) jilqa' applikazzjonijiet għall-post speċifikat hawn taħt, mingħand *Medical Practitioners* bil-kwalifiki u esperjenza xierqa li laħqu l-età tal-irtirar jew li ħa jilħqu l-età tal-irtirar sal-31 ta' Diċembru 2015, u li jkunu jew uffiċjali pubbliċi irtirati/li se jirtiraw, jew individwi irtirati/li se jirtiraw li qabel ma kinux uffiċjali pubbliċi. Kandidati jrid ikollhom l-istess rekwiżiti li normalment jintalbu għall-grad fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Il-post meħtieġ huwa hekk kif ġej:

*Consultant in Anaesthesia and Intensive Care* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Persuna magħżula tkun impjegata fuq bażi kuntrattwali li fl-ebda każ ma jista' jiġi estiż aktar minn perjodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar jew minn meta l-impjegat jilħaq l-età ta' ħamsa u sittin (65), skont liema tiġi l-ewwel.

Persuna magħżula titħallas skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli kif stabbiliti mill-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa).

Applikanti magħżula jkunu intitolati biss għall-benefiċċji, inkluża rimunerazzjoni, kif stipulat fil-kuntratt tagħhom.

Applications, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format must be received by Youth.Inc, ex Umberto Colosso Complex, Triq il-Kbira Ġużepp, Santa Venera SVR 1013 in a sealed envelope addressed for the attention of Ms Deborah Sant by not later than Tuesday, 10th March, 2015 at noon.

Applications by post should be sent by registered mail allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by Youth.Inc within seven days.

Late applications will not be considered.

Further information or queries can be obtained from Ms Deborah Sant on 2258 6700/2258 6736 from Monday to Friday from 9.00 a.m. till 2.00 p.m. or via e-mail on (youth.inc.mede@gov.mt).

27th February, 2015

MINISTRY FOR ENERGY AND
HEALTH (HEALTH)

**Re-Engagement of Retired/Retiring Public Officers and Engagement of Retired/Retiring External Recruits within the Ministry for Energy and Health (Health)**

The Director (People Management) (Health) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Energy and Health (Health) invites applications for the post specified below from suitably qualified and experienced Medical Practitioners who have reached or are expected to reach retirement age by the 31st December 2015, and who are either retired/retiring public officers, or retired/retiring individuals not having previously been public officers. Candidates must possess the same requisites as is usually required for such grade within the Public Service of Malta.

The post required is as follows:

Consultant in Anaesthesia and Intensive Care in the Gozo General Hospital.

A selected person will be employed on a contract basis which shall in no case be extended beyond a period of forty-two (42) months or beyond the employee's age of sixty-five (65), whichever is the earlier.

A selected person will be paid in accordance with applicable rules and regulations as determined by the Ministry for Energy and Health (Health).

A selected applicant shall only be entitled to the benefits, including remuneration, as laid down in their contract.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed jgħid li jkollu, għandhom ikunu msaħħa b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni flimkien ma' *Curriculum Vitae*, bl-oriġinali li għandhom jiġu ppreżentati għall-verifika meta jintalbu. Evidenza li jkollhom liċenzja biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta, flimkien ma' evidenza ta' Reġistrazzjoni bħala Speċjalist fl-ispeċjalità rilevanti mill-Kunsill Mediku ta' Malta li tinħareġ mill-Kunsill Mediku ta' Malta, għandha tintbagħat ukoll mal-applikazzjoni.

L-applikazzjonijiet u dokumenti rilevanti oħra inkluż kondotta tal-pulizija reċenti fil-każ ta' *external recruits* u rakkomandazzjoni mingħand il-Kap Eżekuttiv għal uffiċjali pubbliċi, jintlaqgħu mid-Direttorat tal-*People Management* (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), Palazzo Castellania, 15, Triq Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171 mhux aktar tard minn nofsinhar (CET) **it-Tnejn 23 ta' Marzu 2015**. Kull mistoqsija għandha tkun indirizzata fl-indirizz ta' hawn fuq jew fl-*email* (recruitment.meh-health@gov.mt).

Is-27 ta' Frar, 2015

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application together with a Curriculum Vitae, with originals to be produced for verification upon request. Evidence of possession of a Licence to practice the medical profession in Malta, issued by the Medical Council of Malta, together with evidence of Specialist Registration in the relevant specialisation by the Medical Council of Malta is also to be submitted with the application.

4. Illi għalhekk, ir-rikorrenti huma proprjetarji ta' kwart indiviż kull wieħed mill-eredità tal-imsemmi Joseph Chetcuti, inkluż in-nofs indiviż tal-fond fuq ġa riferit.

5. Illi l-intimat Paul Chetcuti baqa' ġuvni u kien jirrisjedi fl-istess fond fuq ġa indikat in eżercizzju ta' dritt ta' abitazzjoni li jgawdi.

By means of a decree given by the Court of Appeal, in the records of the Appeal Application, in the names Anthony Chetcuti vs Mary Cortis et, application number 867/10 SM, on the 21st November, 2014, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Anthony and Louis Chetcuti in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, filed in the Sworn Application number 867/10 SM, Decided 25th March, 2014, Chetcuti Anthony (ID 271260M) and Louis Chetcuti (ID 141763M) vs Cortis Mary (ID 181136M) and Paul Chetcuti (ID 318870M) or either of whom, on the 11th April, 2014, the applicant Mary Cortis and Paul Chetcuti respectfully pleaded:

1. That in virtue of their orginal application, the plaintiffs today respondents premised the following:

1. That through two (2) wills dated 15th August, 1987, and 15th March, 1988, both in the records of Notary Dr Joseph Henry Sciriha, Joseph Chetcuti, father of the applicant and the respondent Paul Chetcuti who is also the husband of the other respondent Mary Cortis had left the usufruct of one-fourth of the premises 'Assisi', Triq it-Tajjar, Imsida, in favour of the widow Mary Cortis, and left the legacy in parte da cosa altrui as the same premises belonged to the community of acquests between him and the respondent Mary Cortis of the right of habitation of the same premises above referred to those of his children who may be unmarried on the date of his death.

2. That the same Joseph Chetcuti appointed as his universal heirs in equal shares each one of his four children, Paul, Anthony, Louis and Victoria Chetcuti.

3. That the father Joseph Chetcuti died on the 13th April, 1991.

4. That thus, the applicants are the owners of one fourth undivided share each of the inheritance of the said Joseph Chetcuti, including one half undivided of the premises above referred to.

5. That the respondent Paul Chetcuti remained unmarried and continued to reside in the same premises above indicated in virtue of the right of habitation he enjoys.

6. Illi madwar sentejn ilu, Mary Cortis ħarġet mill-imsemmi fond.

7. Illi konsegwentement, l-intimat Paul Chetcuti qed jabita waħdu fl-imsemmi fond.

8. Illi permezz ta'applikazzjoni numru PA 04477/09, L-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ħarġet permess favur l-intimata Mary Cortis 'to carry out internal and external alterations to existing dwelling and erect two new floors'.

9. Illi permezz ta' rikors ġuramentat numru 20/2010, preżentement pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, l-intimat Paul Chetcuti talab id-diviżjoni tal-eredità kemm kontra ħutu u kontra l-intimata Mary Cortis.

10. Illi riċentement, l-intimati jew min minnhom illegalment u abbużivament bdew jew inkarigaw terzi biex jinbdew ix-xogħlijiet strutturali fuq il-fond in diżamina.

11. Illi r-rikorrenti joġġezzjonaw għal tali tibdil fil-fond in diżamina stante li qed isir mill-koproprjetarji Paul Chetcuti u Mary Cortis jew min minnhom mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti.

12. .....omissis.....

13. Illi permezz ta' digriet datat 12 ta' Awwissu, 2010, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati.

Illi għalhekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet umilment mitluba sabiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti huma koeredi u koproprjetarji tal-assi ereditarji ta' Anthony (recte Joseph Chetcuti), li jinkludi l-fond bl-isem 'Assisi', Triq it-Tajjar, L-Imsida.

2. Tiddikjara li l-intimati Paul Chetcuti u Mary Cortis jew min minnhom ma għandhomx id-dritt li jagħmlu dan it-tibdil fl-imsemmi fond in diżamina stante li ma hemmx il-kunsens tar-rikorrenti.

3. .....omissis.....

4. .....omissis.....

5. .....omissis.....

6. Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom inkluż dawk għall-mandat ta' inibizzjoni fuq ukoll ġa riferit.

6. That about two years ago, Mary Cortis left the said premises.

7. That consequently the respondent Paul Chetcuti is residing alone in the said premises.

8. That by means of the application number PA 04477/09, the Environment and Planning Authority issued a permit in favour of the respondent Mary Cortis 'to carry out internal and external alterations to existing dwelling and erect two new floors'.

9. That in virtue of a sworn application number 20/2010, presently pending before the First Hall Civil Court, the respondent Paul Chetcuti asked for the partition of the property both against his siblings and against the respondent Mary Cortis.

10. That recently, the respondents or either of them illegally and abusively began or appointed third parties to commence structural works on the premises in question.

11. That the applicants objected to such changes in the premises in question since it is being made by the co-owners Paul Chetcuti and Mary Cortis or either of them without the consent of the applicants.

12. .....omissis.....

13. That by means of a decree dated 12th August, 2010, the Court upheld the applicant's request for the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondents.

That thus, the Honourable Court of First Instance was humbly asked to:

1. Declare that the applicants are co-heirs and co-owners of the estate of Anthony (recte Joseph Chetcuti), which includes the premises with the name 'Assisi', Triq it-Tajjar, Imsida.

2. Declare that the respondents Paul Chetcuti and Mary Cortis or either of whom do not have the right to do these changes in the said premises since there is not the applicants' consent.

3. .....omissis.....

4. .....omissis.....

5. .....omissis.....

6. With costs against the respondents or either of whom including those of the warant of prohibitory injunction above referred to.

2. Illi permezz tar-risposta ġuramentata tagħhom, l-intimati illum appellanti eċċepew is-segwenti:

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju stante li oħt il-partijiet Victoria Chetcuti li għandha interess attwali mhijiex parti fil-kawża.

2. .....omissis.....
3. .....omissis.....

4. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa' stante l-impossibbiltà li kienu r-rikorrenti stess li kkawżaw il-problema riskontrata permezz tal-mandat ta' inibizzjoni fuq riferit.

5. .....omissis.....

6. .....omissis.....

7. .....omissis.....

8. Salv eċċezzjonijiet oħra.

3. Illi permezz ta' sentenza datata l-25 ta' Marzu, 2014, l-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi, u konsegwentement irrispinġiet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati (illum appellanti).

.....omissis.....

4. Illi l-esponenti iħossuhom aggravati minn din is-sentenza, u għalhekk permezz tal-preżenti qegħdin jinterponu dan l-umli appell mill-istess deċiżjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti.

5. L-Ewwel Aggravju

Illi l-ewwel aggravju huwa ċar u manifest, u jikkonsisti fin-nullità tal-istess deċiżjoni hawn appellata abbażi tal-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-istess esponenti, u cioè l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju.

.....omissis.....

Fil-każ odjern nonostante li l-essenzjalità tal-preżenza ta' Victoria Chetcuti, ma saret l-ebda talba da parti tal-atturi sabiex issir kjamat in kawża, u b'hekk tissana n-nuqqas tagħha. L-Ewwel Onorabbli Qorti marret oltre billi warrbet għal kollox dan in-nuqqas u ma ssemmi xejn dwaru. Bir-riżultat preżenti jibqa' dan li l-ġudizzju mhuwiex wieħed integru iżda fl-istess ħin l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ħadet l-ebda deċiżjoni dwar l-istess.

lli l-esponenti umilment jirrilevaw li f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-ewwel aggravju (kif umilment

2. That by means of a their sworn reply, the respondents today appellants pleaded the following:

1. In the first place, the proceedings are not complete since the parties' sister Victoria Chetcuti who has an actual interest is not part of the cause.

2. .....omissis.....
3. .....omissis.....

4. That the applicants' third request cannot be upheld since it is impossible that the applicants themselves caused the problem encountered by means of the warrant of prohibitory injunction above referred to.

5. .....omissis.....

6. .....omissis.....

7. .....omissis.....

8. Saving further pleas.

3. That by means of a judgement dated 25th March, 2014, the Honourable Court of First Instance upheld all the plaintiff's requests, and consequently rejected all the pleas of the respondents (today appellants).

.....omissis.....

4. That the applicants felt aggrieved by this judgement, and thus by means of the present they are filing this humble appeal from the same decision before this Honourable Court.

5. The First Grievance

That the first grievance is clear and manifest, and consists in the nullity of the same decision here appealed on the basis of the fact that the Honourable First Court failed to take cognizance of the first plea of the same applicants, and namely the plea that the proceedings were not complete.

.....omissis.....

In the present case notwithstanding the requirement of the presence of Victoria Chetcuti, no request on the part of the plaintiff was made so that the party be joined in the suit, and thus rectify her default. The Honourable Court of First Instance went further by completely putting aside this default and does not mention anything about it. With the present result remaining that the proceedings are not complete but at the same time the Honourable Court of First Instance did not take any decision about the same.

That the applicants humbly point out that in case that this Honourable Court upholds this first grievance (as the

jissottomettu l-istess esponenti), allura din l-Onorabbli Qorti għandha tirrimetti lura l-atti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex jiġi deċiż dan il-punt.

6. It-Tieni Aggravju

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottomess illi t-tieni aggravju huwa wkoll ċar u manifest, u jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment u fattwalment żbaljata meta naqset milli tieħu konjizzjoni ta' diversi provi, fatturi u argumentazzjonijiet li jressqu l-istess esponenti u li jinkwadraw ruħhom ukoll fl-ambitu tal-eċċezzjonijiet tagħhom, liema nuqqas wassal għal inġustizzja manifesta fil-konfront tal-esponenti.

Illi mill-qari tas-sentenza hawn appellata, jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti qieset biss li l-argument tal-esponenti dwar l-istat perikoluż tal-fond mhuwiex ġustifikazzjoni għall-aġir tiegħu.

.....omissis.....

Illi jrid jingħad li l-esponenti Paul Chetcuti kien l-unika wieħed mill-ulied li kien ġuvni ġie vestit bid-dritt ta' abitazzjoni tal-fond de quo kif kontemplat fit-testment ta' missieru Joseph Chetcuti. Fil-frattemp, in vista tal-kundizzjoni prekarja u inabitabbli li kien jinsab fiha l-fond, l-esponent Paul Chetcuti ha l-inizjattiva u r-responsabbiltà illi jwettaq xogħlijiet strutturali ta' natura urġenti ...omissis... liema xogħlijiet saru bl-awtorizzazzjoni tal-intimata Mary Cortis ossia mart id-decujus Joseph Chetcuti u koperti permezz ta' permess tal-iżvilupp. Proprju minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti ta' ħutu kellu jieħu xi forma ta' pass konkret biex jara li l-fond in kwistjoni ma jispiċċax fix-xejn.

L-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkonsidra l-fatt ukoll li fil-verità, il-lanjanza tal-atturi ma tinkwadrax għaliex il-valur tal-istess fond żdied, u konsegwentement sehem ir-rikorrenti mill-eredità (kif ukoll dak ta' oħthom li mhijiex parti mill-kawża) ġie awmentat.

.....omissis.....

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti warrbet għal kollox argument miġjub mill-esponent Paul Chetcuti li huwa jgħix fl-istess fond mertu tal-kawża abbażi tad-dritt ta' abitazzjoni mħolli lilu minn missieru permezz tat-testmenti msemmija aktar 'il fuq.

.....omissis.....

Illi għalhekk in vista ta' dak suespost, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet biss fuq il-

applicants humbly submit), than this Honourable Court is to send back the records before the Honourable Court of First Instance in order that this point is decided.

6. The Second Grievance

That without prejudice to the above, it is submitted that the second grievance is also clear and manifest, and consists in the fact that the Honourable First Court was legally and factually wrong when it failed to take cognizance of various proof, facts and arguments which the applicants brought forward and which fall in the ambit of their pleas, which default brought about a manifest injustice against the applicants.

That from the reasoning of the judgement hereby appealed, it appears that the Honourable Court of First Instance only considered the argument of the applicants regarding the dangerous state of the premises is not a justification to their request.

.....omissis.....

That it has to be stated that the applicant Paul Chetcuti was the only one of his children who was unmarried who was vested with the right of habitation of the premises de quo as contemplated in the will of his father Joseph Chetcuti. In the meantime, in view of the precarious and uninhabitable condition in which the premises was Paul Chetcuti took the initiative and responsibility to carry out the structural works of an urgent nature ...omissis... which works were carried with the authorisation of the respondent Mary Cortis or rather the wife of the decujus Joseph Chetcuti and covered by means of a development permit. It was exactly due to the lack of cooperation on the part of his siblings he had to take some form of concrete measure to see that the premises in question does not deteriorate completely.

The Honourable First Court failed to consider also the fact that in reality, the complaint of the applicants does not result as the value of the same premises increased, and consequently the applicants' share from the inheritance (as well as that of their sister who is not part of the cause) increased.

.....omissis.....

That the Honourable Court of First Instance put aside all together the argument brought by the applicant Paul Chetcuti that he lives in the same premises merit of the cause in virtue of a right of habitation left by his father by means of the wills mentioned above.

.....omissis.....

That thus in view of that above brought forward, it results most clearly that the Honourable First Court relied only on

provi u l-argumentazzjonijiet miġjuba mir-rikorrenti (illum l-appellati), filwaqt li warbet għal kollox il-provi mressqa mill-esponenti li fl-assjem tagħhom juru li fl-ewwel lok kien hemm ġustifikazzjoni għal tali xogħlijiet.

.....omissis.....

7. It-Tielet Aggravju

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottomess illi t-tielet aggravju huwa wkoll ċar u manifest, u jikkonsisti fil-fatt li l-Onorabbli Qorti kienet legalment u fattwalment żbaljata meta waslet għall-konklużjoni li x-xogħlijiet in kwistjoni saru kontra l-liġi u bi ksur speċifiku tal-Artikolu 493 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti fil-mori tal-kawża odjerna, jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li x-xogħlijiet imwettqa mill-esponenti huma legali fis-sens li huma koperti u mwettqa skont il-permess ta' żvilupp.

Illi di più, ix-xogħlijiet eżegwiti mill-esponenti jew min minnhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiert tal-Artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li x-xogħlijiet ma kkawżaw ebda bidla fid-destinazzjoni tal-ħaġa ossia l-fond de quo kif stabbilit mil-liġi.

F'dan il-kuntest, jiġi rilevat li jekk l-esponenti anke fil-kapaċità tagħhom bħala koproprjetarji għamlu użu minn beni komuni fil-limiti tal-liġi, allura l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment żbaljata meta kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 493 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (li jsemmi l-kunsens tal-koproprjetarji ta' fond).

Illi jiġi rilevat ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti warrbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 492 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li kull wieħed mill-koproprjetarji jista' jobbliga lill-oħrajn joħorġu sehem għall-ispiża meħtieġa sabiex il-ħaġa in komun tinżamm fi stat tajjeb. Anke fuq dan il-punt jirriżulta li l-esponent Paul Chetcuti mexa skont il-liġi.

.....omissis.....

Għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost, jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment żbaljata meta waslet għall-konklużjoni li l-esponenti ma kellhom ebda jedd jagħmlu x-xogħlijiet in kwistjoni, u konsegwentement hemm lok li s-sentenza appellata tiġi mħassra, revokata u annullata.

Għaldaqstant, l-appellanti filwaqt li jirreferu għall-provi kollha prodotti, u filwaqt li jirriżervaw id-dritt li jġibu l-provi kollha ammissibbli skont il-liġi, f'dan l-istadju jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, datata 25 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet Chetcuti Anthony (KI 271260M) u

the proof and arguments brought by the applicants (today appellants), whilst it put aside altogether the proof brought by the applicants which in their totality show that in the first place there was justification for such works.

.....omissis.....

7. The Third Grievance

That without prejudice to the above, it is submitted that the third grievance is also clear and manifest, and consists in the fact that the Honourable Court was legally and factually mistaken when it reached the conclusion that the works in question were made against the law and in specific violation of Article 493 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

That from the proof produced during the present cause, it results clearly and unequivocally that the works carried out by the applicants are legal in the sense that they are covered and carried out according to a development permission.

That furthermore the works carried out by the applicants or either of whom respect the provisions of Article 491 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta, since the works did not cause any change in the destination of the cause or rather the premises de quo as established by law.

In this context, it is pointed out that if the applicants in their capacity as co-owners made use of common property within the limits of the law, than the Honourable First Court was legally mistaken when it concluded that there was a violation of Article 493 of Cap. 16 of the Laws of Malta (which mentions the consent of the co-owners of the premises).

That it is also pointed out that the Honourable First Court put aside the application of Article 492 of Cap. 16 of the Laws of Malta which states that each one of the co-owners can oblige the others to pay their share for the expense required so that the property held in common be held in good condition. Even on this point it results that the applicant Paul Chetcuti proceeded according to law.

.....omissis.....

Thus in the light of all that exposed, it results most amply that the Honourable First Court was legally wrong when it reached the conclusion that the applicants did not have any right to carry out the works in question, and consequently there is room that the judgement appealed be cancelled, revoked and annulled.

Thus, the appellants whilst referring to all the proof produced, and reserving the right to bring all the proof admissible at law, at this stage pray with respect that this Honourable Court revoke, cancel and annul the decision of the First Hall Civil Court, dated 25th March, 2014, in the names Chetcuti Anthony (ID 271260M) and Louis Chetcuti

Louis Chetcuti (KI 141763M) vs Cortis Mary (KI 181136M) u Paul Chetcuti (KI 318870M), kif mitlub f'dan ir-rikors.

Notifika: Anthony u Louis Chetcuti, Belair House, C. De Brockdorff Street, Imsida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 24 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

(ID 141763M) vs Cortis Mary (ID 181136M) and Paul Chetcuti (ID 218870M), as requested in this application.

Notify: Anthony and Louis Chetcuti, Belair House, C. De Brockdorff Street, Imsida.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 24th February, 2015.

ADV. FRANK PORTRELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

375

B'digriet mogħti fit-12 ta' Novembru, 2014, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Pelham Keith vs Pelham Josephine, rikors numru 182/14 AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-ismijiet, Pelham Keith (KI 172968M) vs Pelham Josephine (KI 55062M), fit-13 ta' Awwissu, 2014, ir-rikorrenti Keith Pelham talab il-konvenuta tgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ odjern għal dawk ir-raġunijiet indikati fir-rikors, tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet indikati fir-rikors u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, fosthom li s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti tiġi rreġistrata fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta in subizzjoni.

Intimata: Josephine Pelham, 42, Triq Spinola, San Ġiljan.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Pelham Keith vs Pelham Josephine, rikors numru 182/14 AL, jinsab differit għas-smigħ għas-6 ta' Mejju, 2015, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 25 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 12th November, 2014, by the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application, in the names Pelham Keith vs Pelham Josephine, application number 182/14 AL, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section), in the names, Pelham Keith (ID 172968M) vs Pelham Josephine (ID 55062M), on the 13th August, 2014, the applicant Keith Pelham asked the defendant to state why this Honourable Court should not:

Declare the defendant solely responsible for the breakdown of the present marriage for those reasons indicated in the application, pronouce the personal separation between the parties for the reasons indicated in the application and uphold the other demands in the application, amongst which that the eventual judgement of this Honourable Court be registered in the Public Registry.

With costs against the defendant summoned so that a reference to her evidence be made.

Respondent: Josephine Pelham, 42, Triq Spinola, San Ġiljan.

The Sworn Application in the names Pelham Keith vs Pelham Josephine, application number 182/14 AL, has been deferred for hearing to the 6th May, 2015, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

376

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Frar, 2015, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865), ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fit-12 ta' Jannar, 2015, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Klinsmann Grech (KI 208991M), ta' Flat 6, Blokka 17, Bieb A, Triq l-Iskola, San Ġwann, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,354.67 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 24/15DMA) hija differita għat-12 ta' Marzu, 2015 f'12.05 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' Frar, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 12th February, 2015, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865), of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim, on the 12th January, 2015, whereby they asked the Tribunal to condemn Klinsmann Grech (ID 208991M), of Flat 6, Blokka 17, Bieb A, Triq l-Iskola, San Ġwann, to pay the plaintiff company the sum of €1,354.67 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 24/15DMA) is deferred for the 12th March, 2015 at 12.05 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 25th February, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

377

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, fit-18 ta' Settembru, 2014, Rikors numru 844/2014 minn Simon Joseph, Lewis Joseph sive Lewis sive Louis, Margaret Rose Gauci, Antoinette Marie Curmi u Paul, ilkoll aħwa Torpiano, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwoti ndaqs bejniethom, is-Suċċessjoni ta' ommhom, Matilde Torpiano, armla minn Joseph Torpiano, bint il-mejtin Simeone Sammut u Paola née Vella, imwielda u kienet toqgħod Il-Belt Valletta, u mietet Tal-Pietà, fid-29 ta' Awwissu, 2003, ta' 94 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 554608(M), u li mietet bla testment.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, illum 25 ta' Frar, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 18th September, 2014, Application number 844/2014 by Simon Joseph, Lewis Joseph sive Lewis sive Louis, Margaret Rose Gauci, Antoinette Marie Curmi and Paul, all brothers and sisters Torpiano, whereby they prayed that it be declared open in their favour in equal shares between them, the Succession of their mother, Matilde Torpiano, widow of Joseph Torpiano, daughter of the late Simeone Sammut and Paola née Vella, born and resided in Valletta, and died in Tal-Pietà, on the 29th August, 2003, aged 94, holding identity card number 554608(M), intestate.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court, and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section, today 25th February, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

378

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-11 ta' Frar, 2015, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Saydon Avukat Henry vs Dov Riger, rikors numru 32/15

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 11th February, 2015, in the records of the Sworn Application, in the names Saydon Advocate Henry

LM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dr Henry Saydon (KI 458180M) vs Riger Dov (KI 62452A), fl-14 ta' Jannar, 2015, ir-rikorrenti talbu l-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħdax-il elf, disa' mija u erbatax-il Ewro (Ewro 11,914), kif jingħad fir-rikors.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kif mitluba kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rikorrent: 25/9, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta VLT 1432.

Konvenut: Penthouse T10B, Apartment 58, Tigné Point, Tas-Sliema.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Saydon Avukat Henry vs Dov Riger, rikors numru 32/15 LM, jinsab differit għad-9 ta' Marzu, 2015, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

vs Dov Riger, application number 32/15 LM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr Henry Saydon (ID 458180M) vs Riger Dov (ID 62452A), on the 14th January, 2015, the applicant asked the defendant to state why this Honourable Court should not:

Decide according to the demand without proceeding to a hearing of the cause in terms of Articles 167 et. seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta, condemn the defendant to pay the plaintiff the sum of eleven thousand, nine hundred fourteen Euro (Euro 11,914), as stated in the application.

With costs and legal interests as demanded against the defendant summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: 25/9, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta, VLT 1432.

Defendant: Penthouse T1OB, Apartment 58, Tigné Point, Sliema.

The Sworn Application in the names Saydon Avukat Henry vs Dov Riger, application number 32/15 LM, has been deferred for hearing to the 9th March, 2015, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

379

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fl-24 ta' Frar, 2015, fuq rikors ta' Bay Street Holdings Limited (C 12058), ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 11 ta' Marzu, 2015, fl-għaxra ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'garaxx numru tnax (12) u garaxx numru tlettax (13), Metropolitan Buildings, Triq Dun Franġisk Camilleri, Il-Ħamrun, f'garaxx tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Barcellona Beach Company Limited (C 52674).

Display fridge counters tal-istainless steel, units tal-injam, xkaffa overhead display u diversi oġġetti oħra.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 8/15.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Frar, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 24th February, 2015, on the application of Bay Street Holdings Limited (C 12058), Wednesday, 11th March, 2015, at ten in the morning, has been fixed for the Sale by Auction to be held at garage number twelve (12) and garage number thirteen (13), Metropolitan Buildings, Triq Dun Franġisk Camilleri, Ħamrun, of the following items seized from the property of Barcellona Beach Company Limited (C 52674).

Stainless steel display fridge counters, units made of wood, overhead display wood shelf and other various objects.

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of file number 8/15.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th February, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

380

B'digriet mogħti fit-23 ta' Frar, 2015, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Agius Raymond et vs Juliette Tango Holdings Limited et, rikors numru 25/15 SM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Raymond Agius (KI 116054M) u Daphne Agius (KI 420186M) vs Juliette Tango Holdings Limited (C 49642) u Alpha Investments Limited (C 44302), fit-13 ta' Jannar, 2015, ir-rikorrenti Raymond Agius u Daphne Agius talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeċiedi li l-klawsola numru tnejn (2) tal-ftehim datat 14 ta' Jannar, 2010, kif jingħad fir-rikors hija nulla u ma tiswiex, tiddikjara wkoll li lanqas ma tiswa l-klawsola numru tlieta (3) tal-imsemmi ftehim li biha l-esponenti intrabtu għall-ħlas tad-danni u għall-ħlas ta' penali.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni, u b'riżerva għal kull azzjoni għad-danni kompetenti lill-esponenti kontra l-intimat.

Rikorrenti: Apartment 7, Southcliff Apartments, Triq is-Swejda, Marsaskala.

Intimati: Juliette Tango Holdings Limited, Elaine Court, Apartment 11,Triq is-Sibbien, Marsaskala.

Alpha Investments Limited, 86, Manwel Dimech Street, Tas-Sliema.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Agius Raymond et vs Juliette Tango Holdings Limited et, rikors numru 25/15 SM, jinsab differit għas-smigħ għall-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2015, fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 23rd February, 2015, by the First Hall Civil Court, in the records of the Sworn Application, in the names Agius Raymond et vs Juliette Tango Holdings Limited et, application number 25/15 SM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Raymond Agius (ID 116054M) and Daphne Agius (ID 420186M) vs Juliette Tango Holdings Limited (C 49642) and Alpha Investments Limited (C 44302), on the 13th January, 2015, the applicants Raymond and Daphne Agius asked this Honourable Court:

To declare and decide that clause number two (2) of the agreement dated 14th January, 2010, as stated in the application is null and not valid, declare also that clause number three (3) of the said agreement in virtue of which the applicants bound themselves for the payment of damages and the payment of the penalty is not valid.

With costs against the respondent summoned so that a reference to his evidence be made and saving any action for damages to the applicants against the respondent.

Applicant: Apartment 7, Southcliff Apartments, Triq is-Swejda, Marsaskala.

Respondents: Juliette Tango Holdings Limited, Elaine Court, Apartment 11, Triq is-Sibbien, Marsaskala.

Alpha Investments Limited, 86, Manwel Dimech Street, Sliema.

The Sworn Application in the names Agius Raymond et vs Juliette Tango Holdings Limited et, application number 25/15 SM, has been deferred for hearing to Wednesday, 18th March, 2015, at 11.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

381

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fil-25 ta' Frar, 2015, fuq rikors ta' Bay Street Holdings Limited (C 12058), ġie iffissat il-jum tal-Erbgħa, 11 ta' Marzu, 2015, fid-disgħa u nofs ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'garaxx numru tnax (12) u garaxx numru tlettax (13), Metropolitan Buildings, Triq Dun Franġisk Camilleri, Il-

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 25th February, 2015, on the application of Bay Street Holdings Limited (C 12058), Wednesday, 11th March, 2015, at half past nine in the morning, has been fixed for the Sale by Auction to be held at garage number twelve (12) and garage number thirteen (13), Metropolitan Buildings, Triq Dun

Ħamrun, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Barcellona Beach Company Limited (C 52674) u Ian Chircop Beck (KI 64586M).

Żewġ (2) display fridge counters tal-istainless steel, fridge counter stainless steel, units tal-injam, gabbana tal-ġelat tal-injam, xkaffa overhead display u diversi oġġetti oħra.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 7/15.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Frar, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Franġisk Camilleri, Ħamrun, of the following items seized from the property of Barcellona Beach Company Limited (C 52674) and Ian Chircop Beck (ID 64586M).

Two (2) stainless steel display fridge counters, stainless steel fridge counter, units made of wood, wooden kiosk ice cream, overhead display wood shelf and other various objects.

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of file number 7/15.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th February, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

382

B'digriet tas-16 ta' Diċembru, 2014, mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fit-23 ta' Jannar, 2015, fuq rikors ta' Gatt Mary Anne et, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 23 ta' April, 2015, f'nofsinhar, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru erbgħa (4), li jifforma parti minn blokk li jinsab fit-tieni (2) sular ta' blokk ta' tmien appartamenti li għandu n-numru uffiċjali mija u wieħed u tletin (131), fi Triq San Pawl, kantuniera ma' Triq San Duminku, Il-Belt Valletta, sovrastanti u sottostanti għal appartamenti oħra ta' terzi fl-istess blokk b'entrata u tromba ta' taraġ bil-lift komuni, washroom, bejt fil-livell tar-raba' sular li jiġi fil-kantuniera fuq l-ewwel żewġt ikmamar li hemm fi Triq San Duminku kif ukoll parti mill-bejt, liberu u frank, stmat li jiswa mija u sittin elf Ewro (€160,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Cini Anthony (KI 474750M), Maryanne Gatt (KI 96764M), Paul Schembri (KI 229166M), Mark Schembri (KI 235477M), Grace Schembri (KI 39232M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 48/14.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 25 ta' Frar, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 16th December, 2014, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 23rd January, 2015, on the application of Gatt Mary Anne et, Thursday, 23rd April, 2015, at noon, has been fixed for the Sale by Auction to be held at the first floor of these Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number four (4), forming part of a block situated in the second (2nd) floor of an eight apartment block officially numbered one hundred and thirty-one (131), in Triq San Pawl, corner with Triq San Duminku, Valletta, overlying and underlying other third parties apartments in the same block, hall, stairwell with common lift, washroom, roof on the fourth level situated on the corner of the first two rooms in Triq San Duminku, free and unencumbered, valued at one hundred and sixty thousand Euro (€160,000).

The said tenement is the property of Cini Anthony (ID 474750M), Maryanne Gatt (ID 96764M), Paul Schembri (ID 229166M), Mark Schembri (ID 235477M), Grace Schembri (ID 39232M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of file number 48/14.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 25th February, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*